MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta ta' l-1 ta' Lulju, 2015

Avviz Numru. 247/2013

**Awtorita' ghat-Trasport f'Malta**

**Vs**

**Christopher Gauci**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tas-socjeta' attrici fejn talbet:

Illi qabel xejn, l-Awtorita' rikorrenti tispjega illi b'effett mill-1 ta' Jannar, 2010, hija s-successur fil-poteri u d-drittijiet tal-Awtorita' Marittima ta' Malta u dan ai termini tal-Kap 499 tal-Ligijiet ta' Malta (l-Att dwar l-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta).

Illi permezz ta' kawza deciza mit-Tribunal ghal Talbiet Zghar nhar it-22 ta' Gunju, 2005 fl-ismijiet Awtorita' Marittima ta' Malta vs Christopher Gauci (Citazz. Nru. 604/05 PM), l-Awtorita' esponenti giet kanonizzata kreditrici tal-konvenut fis-somma ta' €1,410.24 konsistenti fi drittijiet ta' rmigg inkorsi mill-konvenut (kopja tad-decizjoni hawn annessa bhala Dok TM1), flimkien mal-ispejjez gudizzjarji li jammontaw ghal hames mija u sebgha u erbghin Euro u dsatax-il centezmu (€547.19, inkluz €52.17 VAT) (taxxi annessi Dok TM2, TM3, TM4 u TM5) u l-imghaxijiet mill-10 ta' Marzu, 2005 li sal-20 t'Awwissu, 2013 lahqu s-somma ta' disa' mija u tnejn u hamsin Euro u tlieta u disghin centezmu (€952.93).

Illi wkoll in ezekuzzjoni tal-imsemmi titolu ezekuttiv, l-Awtorita' kreditrici kienet ottjeniet mandat ta' qbid numru 3384/06 LM (Dok TM6) liema mandat sewa €148.11 inkluz €8.38 VAT.

Illi ghalhekk in konsegwenza tas-sentenza l-Awtorita' rikorrenti ghandha tiehu l-ammont totali ta' tlett elef u tmienja u hamsin Euro u sebgha u erbghin centezmu (€3,058.47).

Illi Dr. Christopher Spiteri, in rapprezentanza tal-Awtorita' rikorrenti, jikkonferma li minkejja l-proceduri li kienu ttiehdu u minkejja diversi komunikazzjonijiet li kienu saru mal-konvenut Christopher Gauci wara s-sentenza, l-ammont imsemmi ghadu dovut fl-intier tieghu.

Illi peress li ghadda l-perjodu ta' aktar minn hames (5) snin mid-data ta' meta d-decizjoni msemmija setghet tigi ezegwita, l-Awtorita' rikorrenti qieghda tressaq dan ir-rikors skont l-Artikolu 258 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta) sabiex tigi awtorizzata u tezegwixxi dan it-titolu ezekuttiv fil-konfront tal-konvenut Christopher Gauci.

Ghaldaqstant, l-Awtorita' rikorrenti umilment titlob sabiex, prevja kull dikjarazzjoni u provediment opportun, dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tawtorizzaha tghaddi ghall-ezekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv fuq imsemmi stante li ghaddew izjed minn hames (5) snin mid-data tad-decizjoni fuq referita u d-dejn ghadu m'huwiex saldat kollu u dan ai termini tal-Artikolu 258 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta minn fejn jirrizulta li l-esponenti ghandu: "jikkonferma bil-gurament ix-xorta tad-dejn jew tat-talba li jkun qed ifittex l-esekuzzjoni taghha, u li d-dejn jew parti minnu jkun ghadu dovut".

Rat ir-risposta ta' Christopher Gauci fejn espona:

Illi hu gie notifikat bir-rikors tar-rikorrenti.

Illi kien hemm ftehim verbali ma l-Awtorita' Ghat-Trasport f'Malta, jigifieri specifikatament ma Ray Stafrace li llum m'ghadux izomm l-istess kariga ma l-Awtorita', li l-ammont dovut kellu jinqata' permezz ta' tpartit ta' merkanzija minghand C.I. Gauci Co. Ltd.

Illi fil-fatt it-total dovut kien ilahhaq €1872.68 (ara dok CG1), u wara li l-Awtorita' kien gie kkonsenjat lilha accettanti l-merkanzija ndikata fid-Delivery Note (ara Dok CG2) dan illum ilahhaq l-ammont indikat mir-rikorrenti.

Illi wara li kienet ghamlet ordni ghal xi merkanzija ohra, ghal xi raguni l-Awtorita' baqghet ma gabritx l-istess minghand is-socjeta' C.I. Gauci Co. Ltd.

Ghaldaqstant, l-ammont indikat mir-rikorrenti bhala dovut ghandu jigi mnaqqas sabiex jirrifletti din il-valur ta' din il-merkanzija li giet ordnata mill-istess, izda li hi baqghet ma gabritx minghand is-socjeta' C.I. Gauci Co. Ltd bi ftehim ma l-intimat.

Semgħet ix-xhieda, rat id-dokumenti u l-atti kollha pprezentati;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-avukati difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi b'sentenza deciza mit-Tribunal tat-Talbiet iz-Zghar nhar it-22 ta' Gunju 2005, l-Awtorita rikorrenti bhala s-successur tal-Awtorita f'dik il-kawza giet kanonizzata kreditrici tal-intimat fis-somma ta' €1,410.24, bl-ispejjez u l-interessi skont il-ligi.

Mill-provi jirrizulta li billi l-Awtorita rikorrenti kienet konxja li l-intimat kien ghaddej minn xi diffikultajiet finanzjarji u f'attentat biex tintlahaq soluzzjoni, hija verbalment awtorizzat lill-intimat jhallas l-ammonti minnu dovuti billi jaghtiha merkanzija u l-valur ta' tali merkanzija jitnaqqas mill-bilanc dovut.

L-Awtorita rikorrenti ikkonfermat li hija kienet irceviet xi oggetti minghand l-intimat fl-ammonti indikati fid-dokumenti illi pprezenta l-intimat. Skond id-Dok CG2 ipprezentat mar-risposta tal-intimat[1] huwa kkonsenja lill-Awtorita intimata fis-17 ta' Marzu 2010, merkanzija tal-valur ta' €461.50. Dan kien l-unika forma ta' pagament li l-Awtorita rikorrenti qatt accettat minghand l-intimat, u dan mhux kontestat mill-intimat. L-Awtorita ma riditx tkompli b'dan l-arrangament, anke biex tkun konformi mal-*policies* u mar-Regolamenti dwar Kuntratti Pubblici, u qieghed tippretendi li l-intimat ihallasha l-ammont dovut fi flus kontanti.

Min-naha l-ohra, fix-xhieda tieghu, l-intimat jghid li s-Sur Ray Stafrace, impjegat fl-Awtorita rikorrenti kien qallu *"jien lest illi nnehhu l-ispejjez u l-interessi"*.[2] Din l-allegazzjoni ma saritx fir-risposta tal-intimat ghar-rikors promotur, u l-intimat lanqas gab xhieda indipendenti sabiex jipprova din l-allegazzjoni tieghu. Ghalhekk din l-allegazzjoni ma gietx pruvata sal-grad rikjest fil-kamp civili.

Fit-trattazzjoni orali, l-abbli difensur tal-intimat issottometta illi s-sentenza giet pregudikata, ghaliex il-partijiet kienu ftehmu li l-intimat ihallas id-debitu tieghu bi tpartit, u konsegwentement irrinunzjaw

[1] Ara fol. 20 tal-process.
[2] Ara xhieda tal-intimat a fol. 41 tal-process.

li jezegwixxu s-sentenza. Fis-sentenza **Saviour Cilia et vs Gasan Insurance Agency Ltd et**, deciza fis-6 t'Ottubru 2004, il-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri)[3] irriteniet hekk: *"L-artikolu 253 tal-Kap 12 jipprovdi li l-gudikati kollha huma konsidrati bhala titolu ezekuttivi u jsiru ezegwibbli sempliciment u purament ghaliex huma 'res judicata'. Dan pero` ma jfisserx illi l-parti vincenti ma tistghax tirrinunzja ghall-effetti tas-sentenza di fronte ghal xi wiehed mill-partijiet sokkombenti fil-gudizzju. Rinunzja din li hemm bzonn li tkun cara u univoka u li timmanifesta l-intenzjoni fir-rinunzjant li huwa jrid jabdika d-dritt tieghu stabbilit u konfermat mill-gudikat."* Mill-provi migjuba, certament li ma jirrizultax li l-Awtorita rikorrenti indikat b'xi mod li hi riedet tabdika mid-dritt taghha stabbilit u konfermat mill-gudikat, li tezegwixxi l-istess gudikat kontra l-intimat. Dak li jirrizulta huwa, li l-Awtorita rikorrenti pruvat tagevola lill-intimat billi taccetta hlas bi tpartit, pero dan ma jfissirx la li dan kien se jkun l-uniku mod ta' hlas, u wisq anqas, li l-Awtorita irrinunzjat ghad-dritt taghha li tenforza s-sentenza li kellha favur taghha. Konsegwentement, din is-sottomissjoni tal-intimat qieghda tigi rigettata.

Fir-risposta tieghu ghar-rikors promotur,[4] l-intimat qal li apparti l-merkanzija li hu kkonsenja lis-socjeta rikorrenti skont id-Delivery Note (Dok CG2), l-ammont dovut lill-Awtorita rikorrenti *"illum ilahhaq l-ammont indikat mir-rikorrenti."* Dan gie konfermat ukoll bil-gurament mir-rapprezentant tal-Awtorita rikorrenti Dottor Christopher Spiteri.

Fid-Delivery Note (Dok CG2), l-intimat indika li hu kkonsenja lis-socjeta intimata merkanzija fl-ammont ta' €461.50. Pero fir-risposta taghha, l-Awtorita rikorrenti qalet li hi lesta li tirriduci l-ammont pretiz minnha fir-rikors promotur bl-ammont ta' €465, u din ir-replika giet konfermata bil-gurament mir-rapprezentant tal-Awtorita rikorrenti.[5] Ghaldaqstant, il-Qorti se tati l-beneficcju lill-intimat li fl-ezekuzzjoni tas-sentenza ghandu jigi mnaqqas l-ammont ta' €465 li hu hallas b'titolu ta' tpartit.

**Konkluzjoni**

---

[3] *Per* Imhallef Philip Sciberras.
[4] Ara fol. 18 tal-process.
[5] Ara risposta tal-Awtorita rikorrenti a fol. 26 tal-process, u xhieda ta' Dottor Christopher Spiteri a fol. 35-36 tal-process.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti, fil-waqt li tichad is-sottomissjonijiet orali kollha tal-intimat, tilqa' t-talba tal-Awtorita rikorrenti u ai termini tal-Artikolu 258 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, tawtorizzaha tghaddi ghall-ezekuzzjoni tas-sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar tat-22 ta' Gunju 2005 fl-ismijiet **Awtorita Marittima ta' Malta vs Christopher Gauci** (Talba Nru: 604/05 PM) kontra l-intimat Christopher Gauci, b'dan li f'tali ezekuzzjoni ghandu jitnaqqas l-ammont ta' erba' mija u hamsa u sittin Euro (€465).

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu subiti mill-intimat.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------